ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-LAQGHA URGENTI</u>**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Zebbug**

**Data: It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2009**

**Hin: Fis-1.00 ta' wara nofsinhar**

**Prezenti ghall-laqgha:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Vici Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Ezekuttiva.**

Il-Kunsillier, is-Sur Harry Debono kien skuzat.

Ippresjeda l-laqgha s-Sindku Carmelo Saliba.

Intqalet talba mis-Sindku u nghata bidu ghall-laqgha.

Is-Sindku qal hassejt li ghandi nlaqqa' l-Kunsill b' urgenza dwar il-progett li ninsabu ghaddejja bih fi Triq ix-Xwejni. Is-Sur Saliba qal li rcevejna ittra minghand il-Perit tal-Kunsill dwar xoghlijiet *extra* li jridu jsiru fi Triq ix-Xwejni.

Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ittra tal-Perit Scerri.

Sar ilment dwar kif il-Perit ma kienx prezenti ghall-laqgha. Is-Sindku qal li l-Perit kien infurmah li kien se jkun fuq xoghol Malta.

Il-Kunsillier Camilleri staqsa, kif dan ix-xoghol inqala' issa?

Il-Kunsillier Refalo qal kif dan ix-xoghol ma kienx inkluz fl-istima tal-progett.

Il-Vici Sindku qal ma nistghux inhallu t-triq kif inhi.

Is-Sindku ppropona biex isiru x-xoghlijiet li gew proposta mill-Perit.

Il-mozzjoni verbali tas-Sindku tressqet ghall-vot.

**Favur**

Is-Sindku u l-Vici Sindku.

**Astensjonijiet**

Il-Kunsillier Camilleri – l-argument ma kellux jinqala' issa, meta x-xoghol ilu li nbeda.

Il-Kunsillier Refalo – il-Perit ma kienx prezenti ghall-laqgha u allura ma setghax jiehu decizjoni.

Il-mozzjoni mressqa mis-Sindku ghaddiet.

Il-laqgha ntemmet fis-1.30 ta' wara nofsinhar

**Carmelo Saliba OLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Ezekuttiva***